## Xtara l-Ħut fil-Baħar




- Silta/novella/storja komika b'ton ironiku leġġer imma li twassal tagħlima.
- Silta ambjentata fix-xenarju tar-raħal tipiku Malti.(Innota l-laqmijiet...)
- Stil deskrittiv/narrattiv imma wkoll riflessiv.
- Titlu-*Xtara l-Ħut fil-Baħar*- jindika t-tmiem tal-istorja.
- Huwa ispirat minn qawl Malti...*Min jixtri l-Ħut fil-Baħar jieklu jinten*. Dan il-qawl ifisser li min jinvesti bl-addoċċ faċli jingidem.(Ħażin jagħmel min iħallas minn qabel u ma jkunx jaf jekk il-ħaġa hix tajba jew le.*Il-Qawl Iqul*)
- Lawrence Mizzi huwa n-narrattur li jġiegħel lill-qarrej jirrifletti fuq l-ingann u fuq l-onestà/fuq is-sinċerità u fuq l-ipokrezija...
- Huwa ma tantx jissimpatizza mal-protagonist anzi pjuttost jitmejjel xi ftit bih kultant. Qisu Mizzi jixtieq jagħfas fuq l-idea li ma tistax tibqa' ħajtek kollha daqshekk baħnan u tħalli lin-nies tagħmel bik li trid.
- Ma tinħoloqx mogħdrija; tinħoloq twissija.

## Protagonist Vittma




- *"Is-Sur Tonin kien jafu r-raħal kollu"* : negozjant fil-bini, irtirat, miżżewweġ u bla tfal.
- Imma *"bħal tifel imħejjem kien jitwebbel malajr u jixba' minn kollox"* (similitudni).
- Huwa rabba xadini, pappagalli, ponijiet u klieb; eċċentriku, estravaganti u stramb.
- Huwa investa fil-klabb tal-boċċi meta bilkemm kien jaf jilgħab.
- Huwa l-buffu sinjur tal-kwartier; iċ-ċippitatu56 li kulħadd jerda' minnu u jgħaddih biż-żmien.
- Huwa baħnan+idjota+stupidu għax ma jindunax kemm in-nies tgħaddih biż-żmien (ironija drammatika).
- Raġel bla ħila imma żatat. Huwa ta' ftit skola li ma jafx jitkellem jew iħejji diskors imma minfuħ bih innifsu.
- Benefattur tar-raħal li jinfixel, jaqa' għaċ-ċajt, jieħu l-iżbalji u jtemtem. *"Xofftejh kienu qoxqox.* (superlattiv assolut)*Griżmejh bdew iniggżuh qishom kienu mimlija labar."*(similitudni)
- Anthony Callus, benestant, Partit Malti tal-Bdiewa huwa mazzun u bla stoffa għall-politika imma li malajr tgħallem li kull persuna tfisser vot.
- Fehem xi ftit xi ġralu meta kiseb 37 vot biss u meta sema' lil Ġiġi ta' Dajdi jgħid kemm il-grokk ħa minn fuq dahru.

## Il-Prepotenti u l-Approfittaturi

- In-nies tar-raħal quddiem wiċċu tfaħħar lis-Sur Tonin; tagħmillu l-qalb.
- Minn ġewwa tkun ser tinfaqa' bid-daħk. Ipokrita.
- Xi *"ħbieb"* għallmuh il-pożi tal-politika imma qallulu biex ma jitkellimx quddiem il-folla u ġabulu skuża.
- Kulħadd irid mingħand is-Sur Tonin: tal-każin, tal-futbol, il-Konfraternita' tar-Rużarju, individwi varji u fil-bżonn.
- Kulħadd jisolħu mill-flus. *"Dak ix-xahar ta' qabel l-elezzjoni kien swielu bagatella"* (espressjoni idjomatika)
- Ġorġ L-Ispitfire sar l-aġent tas-Sur Tonin. *"Sabu għal taħt snienu".* (metafora idjomatika)
- Huwa raġel bla skruplu, bla flus, jilgħab il-flus, jixrob u parassita.
- Bħal kulħadd, huwa daħak u approfitta mis-Sur Tonin.
- Ġiġi ta' Dajdi karattru ieħor li xorob kemm felaħ minn fuq dahar is-Sur Tonin.
- Lest jilgħab in-numru tal-voti li ġabar is-Sur Tonin prima fil-lottu.



## Il-Karattru sekondarju u twajjeb




- Ċikka ilha erbgħin sena miżżewġa mas-Sur Tonin. Hija ħadet ħafna paċenzja bih.
- Hija kienet dratu imma qatt ma għenitu jiftaħ għajnejh.
- Tieħu l-attitudni tal-omm li qatt ma saret, mar-raġel tagħha; forsi għalhekk tħallih jehda.
- Għall-ewwel kienet tiqaflu imma wara ftit ma kinitx tibqa' tħaqqaqha. Tħallih jimla ħinu.
- Hija tidher mara ta' rasha fuq għonqha u saqajha mal-art.
- Fehmitha dwar il-politika hi waħda ċara:

  *"Dawk kollha xorta u jekk ma jkollokx ħadd mhu se jtik"*+
  *"Toqgħod tipprietka fil-misraħ biex kulħadd jgħaddik biż-żmien?"*

- Madanakollu hija stess tħajret għall-privileġġi li toffri l-politika, inxtrat, ċediet.
- Ċikka mar-riżultat deludenti werżqet. *"Ċikka tat twerżiqa twila u kiesħa bħal meta tara far riesaq lejha"* (similitudni) Inħasdet għal żewġha? Ma stennithiex?

## Xbihat u kuntrasti bejn l-intimu u soċjali

- Il-ħolma premonitorja tindika n-nuqqas ta' għaqal li flimkien mas-suċċess politiku kienu ser iwasslu lis-Sur Tonin għall-falliment ikbar.



- Jista' jkun li l-ħolma turi li fis-subkonxju s-Sur Tonin kien jaf x'qed jiġri fil-verita' imma qatt ma ried jammetti?
- Dan jidher ukoll mill-fatt li lejn l-elezzjoni "Kellu d-deni ta' żiemel".
- Paradossalment it-telfa politika reġgħet tatu l-istabbilita` fid-dinja intima tiegħu ma' Ċikka.
- Fil-mikrokożmu ta' daru seta' jkun baħnan u Ċikka ma kinitx ser tgħaddih biż-żmien.
- Fl-intimu, bejn erba' ħitan, is-Sur Tonin kien individwu innokwu. Fis-soċjali, ma kienx kapaċi.
- L-Antiklajmaks tal-istorja jinħass ġust.

